**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 470/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**
**Edward Vella**

Illum, 4 ta' Settembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Joseph Azzopardi detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 753355M u Edward Vella, detentur tal-karta' tal-identita' Maltija bin-numru 120979M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezntanti guridici tas-socjetá' kummercjali 'Bottega Del Marmista' Limited' (C31345), b'indirizz registrat, Zebbug Road, Attard, Malta' u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjetá' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-paga dovuta' ghall-perjodu bejn l-1 ta' April, 2011, u t-30 ta' Settembru, 2012, ammontanti ghall- €18,307.35, naqsu li jhallsu l-Bonus Statutorju dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u t-30 ta' Gunju, 2012, ammontanti ghall-€405.30 u naqsu li jhallsu l-Weekly Allowance dovut

ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2011 u t-30 ta' Settembru, 2012, ammontanti ghall-€363.48 li b'kollox jammontaw ghall-dsatax il-elf, sitta' u sebghin Ewro u tlettax il-centezmu (€19,076.13) inkluz it-taxxa u l-bolla, u li huma dovuti lill-ex impjegata' taghhom, u cioé' lil Erica Sammut Alessi, fit-30 ta' Settembru, 2012.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta' sabiex ihallsu l-penali skont il-Ligi, kif ukoll tordna lill-imputati ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta' sabiex ihallsu lil Erica Sammut Alessi, l-ammont ta' dsatax il-elf, sitta' u sebghin Ewro u tlettax il-centezmu (€19,076.13) ghar-ragunijiet msemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-6 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46, u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligjiet ta' Malta, sabet lill-imputati fil-kapacita' taghhom li fiha gew citati, hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u kkundannathom ghall-multa' ta' €300 bejniethom, kif ukoll ordnat li fi zmien sentejn, ratealment u bid-dekadenza, ihallsu lil Erica Sammut Alessi, detentrici tal-Karta' tal-Identita' bin-numru 77062M, is-somma ta' dsatax il-elf, sitta' u sebghin Ewro u tlettax il-centezmu (€19,076.13), bl-ewwel pagament dovut fl-ewwel ta' Dicembru, 2017.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Azzopardi u Edward Vella minnhom pprezentat fis-16 ta' Novembru, 2017 fejn talbu lill din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata' u tiddikjara l-imputati Joseph Azzopardi, Edward Vella jew Bottega Del Marmista' Limited, Zebbug Road, Attard, jew bl-indirizz Triq Drumblat, Mosta, m'hux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom w kwindi tilliberhom minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioé':-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox dak pretiz mill-parti leza m'hux dovut.

2. Illi di piú, jidher li hemm il-htiega ta' rikonsiderazzjoni w apprezzament tal-provi li juru li dak pretiz mill-parti leza m'hix korretta, tant li anki rnexxielha 'tidhak' bl-ewwel Qorti bil-konsegwenza li rrizulta' 'miscarriage of justice' b'mod serju liema haga timmerita' li tigi ndirizzata.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost wiehed ghandu jsaqsi w jikkonsidra x'tip ta' xoghol kienet taghmel il-parti leza? Illi dan il-punt hu importanti w rilevanti fid-dawl generali tal-kaz ghax ma jikkombacjix ma' dak pretiz mill-parti leza. Illi l-istess parti leza kienet office administrator. Illi kienet unikament responsabbli ghal dak kollu li kellu jsir fl-ufficcju, fosthom taghmel l-input fil-computer u tiehu hsieb anki l-pagi! Illi ghalhekk, dan bhala stat ta' fatt li ma giex kontestat mill-parti leza.
4. Illi allacjat mas-suespost, meta' l-istess parti leza kienet tahdem dak li kien ikun dovut bhala hlas lil kull min kien impjegat, l-istess imputat Joseph Azzopardi kien jiehu hsieb jipprovdi l-flus li kien ikun dovut fi flus kontanti w l-hlas kien isir kif suppost. Illi dan l-aspett ma kienx u m'hux kontestat ghax kienet tkun l-istess parti leza li kien tghaddi l-hlas de quo lill-impjegati flimkien mal-payslip. Illi kien hemm hames impjegati li kollha thallsu hlief ghall wiehed bil-kunjom Cilia, li kellu biss dovut hlas ta' xi xhar u nofs paga w thallas!
5. Illi l-inkwiet beda' meta' l-imputat Joseph Azzopardi marad u kellu jghamel zmien ta' konvalexxenza liema sitwazzjoni serviet bhala pjattaforma biex il-parti leza tqajjem din is-sitwazzjoni. Illi hu ferm rilevanti li jigi indikat ukoll li l-impjegati kollha thallsu. Illi l-problema kienet hi biss. Issa wiehed jistaqsi jekk dak pretiz minnha hu minnhu?
6. Illi m'hux kontestat li l-parti leza damet impjegata' ghall-cirka tnejn u ghoxrin xahar! Illi allura dan ifisser li l-parti leza qed tipprova tikkonvinci li ghamlet dan il-perjodu kollu u cioé' minn meta' bdiet tahdem sakemm telqet ma tithallas xejn, filwaqt li l-impjegati l-ohra thallsu? Illi dan bhala argument imressaq mill-parti leza, din qed isservi ghala w qed tghaddi w ghaddiet biz-zmien l-ewwel Qorti li

sfortunatament ghazlet li temminha! Illi hi haga unika li persuna bil-familja w obbligi socjali ta' kuljum, taghmel dan il-perjodu kollu minghajr l-icken hlas!

7. Illi di piú, fl-ebda stadju ma pprezentat xi ittra legali w/jew ufficjali u/jew xi forma ta' komunikazzjoni biex tikkonferma dan pretiz minnha, imma partikolarment li m'hux qed tigi mhallsa w li ser tfittex ghalihom! Illi dan in-nuqqas per se ghandu jservi bhala 'warning light' kontra l-istess parti leza li kellha l-hila tittanta' haga ta' din ix-xorti, haga li ma kienitx l-unika esperjenza unika.
8. Illi allacjat ma-suespost hu rilevanti li jigi ndikat li dan kollu sar meta' l-imputat Joseph Azzopardi kellu jigi rikoverat l-isptar ghall-perjodu ta' cirka (2) xahrejn. Illi dan qed jinghad ghax f'dan il-perjodu saru certi affarijiet minn naha tal-parti leza biex tghin is-sitwazzjoni taghha ippjanata' w timmerita' li tigi sollevata' biex is-sens ta' qerq taghha jigi espost. Illi f'dan id-dawl, il-parti leza kienet taf li hi kienet l-'office administrator' u b'hekk kellha d-dokumenti kollha ghad-dispozizzjoni taghha. Illi hu f'dan il-perjodu krucjali li saru certi affarjiet u cioé': a. il-computer crashja; b. illi hi kellha bhala dover taghha, zzomm il-backup bid-diskettes bl-informazzjoni necessarja ghall-kumpanija liema dover hi naqset li tghamel c. illi rrizulta' li il-ftit informazzjoni li instab kien 'disturbed' biex wiehed ma jghidx li kien 'garbled'. Illi fi kliem iehor, immanuvrat b'tali mod biex kemm jista' jkun hi tressaq il-pozizzjoni taghha b'mod effettiv bis-sitwazzjoni ta' qerq odjerna!
9. Illi s-sitwazzjoni mressqa minnha hi kontradetta' millfatt li l-parti leza insiet li l-imputat Azzopardi sellifha is-somma ta' cirka erba mitt Ewro - €400 - biex isiru t-tiswijiet fil-karozza wara habta' li kellu t-tifel taghha George! Illi allura, jekk dan hu minnhu w m'hux michud mill-parti leza, allura dan ifisser li l-parti leza m'hux qed tkun onorabbli w qed tonqos serjament fis-sens ta' kreddibilita' taghha liema haga timmilita' kontriha!
10. Illi ghalhekk meta' wiehed jara l-kwadru generali tal-kaz, jigi osservat m'hux biss l-aspett ta' konflitt ta' provi, imma l-attendibilita' o meno tal-pretenzjonijiet min naha tal-parti leza. Illi hu ferm ghajb li l-parti leza azzardat tiehu din il-vija fejn intenzjonalment taf li m'hux qed tghid il-verita' u cioé' li minn meta' bdiet tahdem

ghal perjodu ta’ 22 xahar hi qatt ma thallset imma kien hemm flus biex wiehed jghin lit-tifel taghha f’habta’ li kien fiha!

11. Illi allaccjat mas-suespost hu l-fatt li l-imputati fl-ebda stadju ma naqsu w/jew cahdu dak li hu dovut. Illi jekk l-impjegati thallsu, ma taghmilx sens li l-parti leza ma thallsitx, kif qed tipprova tissugerixxi. Illi di piu, l-parti leza ghandha ragun tkun kuntenta’ w tghorok idejha ghax hi taf li jekk ikun hemm konferma tal-ewwel sentenza, hi tkun ser iddahhal somma sabieha ta’ - €19,076.13 - li taf li m’hux dovuti lilha b’sens ta’ qerq li biha tkun dahqet bil-Qorti, liema sitwazzjoni hi ghal kollox inaccettabli.
12. Illi f’dan ir-rigward, l-imputati qed jirriservaw minn issa d-dritt li jressqu argumenti ulterjuri a sostenn tal-posizzjoni taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata’ tal-appellanti ezebita’ mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta' v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Din il-Qorti trid tara jekk tasalx ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, ghaliex fin-nuqqas din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

L-appellanti qed jibbazaw l-appell taghhom billi jghidu li l-kwerelanti Erica Sammut Alessi m'hix xhud kredibbli, attendibbli u konsistenti u ghalhekk a bazi ta' tali xhieda u konflitt ta' dak li gie mressaq mill-prosekuzzjoni l-ewwel Qorti kellha tillibera lill-appellanti.

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-appellanti fil-vesti taghhom bhala rapprezentanti guridici tas-socjetá kummercjali 'Bottega del Marmista' Limited', bhala pesuni responsabbli sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l -paga dovuta' ghall-perjodu bejn l-1 ta' April 2011 u it-30 ta' Settembru 2012, fl-ammont ta' €18,307.35, naqsu li jhallsu l-bonus statutorju dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2011 u it-30 ta' Gunju 2012

ammontanti ghall-€405.30 u naqsu li jhallsu l-weekly allowance dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2011 u 30 ta' Settembru 2012 ammontanti ghal €363.48, li b'kollox jammontaw ghal €19,076.13 inkluz it-taxxa u l-bolla dovuta' lill-ex-impjegata taghhom Erica Sammut Alessi.

Il-Prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' Amanda Gale bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji fil-Malta' Financial Services Authority u kkonfermat li Giuseppe Azopardi (Nru ta' ID 753355M) u Edward Vella (Nru ta' ID 120979M) kienu d-Diretturi, u rapprezentanti legali tas-socjetá Bottega del Marmista' Limited.

Rat l-affidavit ta' Christian Borg, impjegat tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig jikkonferma li Erica Sammut Alessi kienet impjegata' mas-socjetá Bottega del Marmista' Limited mill-4 ta' Ottubru 2010 sa dakinhar li halef l-affidavit tieghu u cioé l-14 ta' Jannar 2013 kienet ghadha hekk impjegata.

Rat illi fis-seduta' tat-18 ta' Mejju 2016 (fol. 32) l-Qorti kienet ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Edward Vella peress li dan ma kienx attenda ghall-dik is-seduta' u gie ukoll immultat.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' April 2013 l-ewwel Qorti kienet innominat lil Dr. Joseph Arrigo sabiex jisma x-xhieda f'din il-kawza u jippresenta' relazzjoni, izda fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2016 il-Qorti rrevokat dan l-inkarigu ilu moghti (fol. 32).

Xehed **Mario Gatt** u spjega illi Erica Sammut Alessi kienet marret fid-dipartiment tax-Xoghol fejn kien jahdem nhar it-28 ta' Settembru 2013 u pprezentatlu payslips tax-xoghol ta' Ottubru sa Dicembru 2010 u payslips minn Jannar sa Marzu 2011 (Dok JA 1 u dan dwar hinijiet tax-xoghol li kienet ghamlet gewwa s-socjetá Bottega del Marmista'. Qal ukoll li dawn gew pprezentati quddiem l-espert tekniku Dr. Joseph Arrigo. Qal ukoll li din Sammut Alessi kienet ukoll pprezentat dokument bid-dati ta' kull meta' kienet tithallas xi parti mill-pagamenti dovuti u dokumenti ohra li juru x'paga suppost irceviet. Qal li kien hemm dokument li jibda b'bilanc dovut minn April 2012 bil-figura ta'

€16,952.88. Wara dik id-data hemm 33 data ohra li fihom irceviet xi flus kontanti jew x'suppost irceviet bhala paga u dawn jispiccaw fil-bilanc ta' €18,182.82 fit-30 ta' Settembru 2012.

Huwa jghid li mar ghand is-socjetá biex jinvestiga dan l-ilment pero' sab il-post maghluq. Jghid li sahansitra anke cempel lis-sur Azzopardi u nfurmah dwar dan ir-rapport. Qal li nfurmah sabiex ihallas il-paga dovuta' u jekk ma kienx jaqbel kellu jghidlu. Qal li f'Ottubru 2012 ircieva korrispondenza minghandu fejn infurmah li fil-files li kienet tiehu hsieb Sammut Alessi dawn id-dokumenti ma jidhrux. Qal li fis-26 ta' Novembru 2012 ircieva ittra ohra minghand Azzopardi (Dok JA 8) fejn dan tgharrfu b'xi kwistjoni ta' dixxiplina pero' dwar jekk hallasx il-paga jew le ma qallux.

Qal li hu qatt ma gie mgharraf li ineffetti Erica Sammut Alessi thallset. Din pero' mhux minnu ghaliex skont dak miktub fl-ittra mibghuta minn Giuseppe Azzopardi nhar is-26 ta' Novembru, 2012 huwa ddikjara li kien hallas lil Erica Sammut Alessi l-flus dovuti cash peress li kellu mandat ta' sekwestru fuqu mahrug mid-Dipartiment tal-VAT.

Ghalhekk fis-7 ta' Dicembru, 2012 ix- xhud baghat ittra dettaljata lil Giuseppe Azzopardi fejn spjegalu f'aktar dettal dak li kien dovut lil Sammut Alessi.

**Erika Sammut Alessi** xehdet diversi drabi.

L-ewwel darba nhar it-18 ta' Mejju 2016, kkonfermat li l-karti li ghaddiet lil Mario Gatt kienu juru l-flejjes dovuti lilha wara li nehhiet li l-ammont ta' 20 euros u 50 li kien itiha. Murija d-dokument JA kkonfermat li dan kien id-dokument li hija ghaddiet lil perit legali.

Fit-22 ta' Lulju 2016 ikkonfermat li kienet hi li ghaddiet id-dokumenti lil Mario Gatt sabiex jipprocedi bil-proceduri odjerni.

Fix-xhieda taghha tal-24 ta' Ottubru 2016 fejn spjegat li kienet tahdem bhala clerk mas-socjetá Bottega del Marmista' Limited. Mistoqsija x' kien xoghlha spjegat li kienet taghmel il-karti u tbiegh l-affarijiet. Mistoqsija jekk kienitx general administrator tal-

ufficcju tghid li le.  Spjegat li kienet tinputja d-data fil-kompjuter mill-karti li kienu jigu mghoddija lilha. Kienet tinputja sales, pagi u kollox. Pero ma kienitx tahdem il-pagi. Dan ghaliex l-appellant kien ftiehem mal-impjegti direttament fuq net salary. Tghid li l-haddiemha kienu ighidulha li hallashom u hija kienet tohrog il-payslip biss.

Spjegat li qabel ma hadet over hi fil-kompjuter ma kien hemm xejn.  Kellha tirregistra l-haddiema hi mal Job Plus, files tal-impjegati ma kienx hemm. Mistoqsija allura jekk kienx minnu li kienet tiehu hsieb kollox inkluz il-hlas tal-impjegati tghid li le.  Qalet li kien hemm financial controller. Mistoqsija x'kien jismu tghid li kien jidhol nhar ta' Sibt meta' hi ma kienitx tkun hemm. Mistoqsija ghal darb ohra jekk kienx minnu li kienet tahdem il-pagi tghid li pero' taqbel li l-kompjuter laptop kien f'idejha. Qalet li kien wiehed qadim u kien jigi uzat minn tifel li kien hemm qabilha fuq ix-xoghol. Qalet li l-password biex tixghelu ma kellhiex u ma tafx jekk kienx hemm xi haddiehor li kien jghamel uzu minnu. Taqbel pero' li kienet tahdem fuq il-kompjuter u tghid li gieli xeghlitlu hi u gieli sabithu mixghul. Qalet li l-ammont li talbet kienet paga ta' sentejn u l-labour office ziedu mas-somma il-hlas tal-bonus. Qalet li gieli kien ihallasha mitt euro, gieli mija hamsin u gieli mitejn. Gieli hamsin u gieli ghoxrin euro. Mistqosija jekk kienitx izomm amment tal-hlasijiet li kienu jsirulha tghid li iva pero' mistoqsija tesebixxi l-payslips tghid li ma kienux fuqha.

Mistoqsija jekk kienitx tghidlu biex ihallasha tghid li kienet tghidlu u kien jghidilha biex ittih nifs. Qalet li haddiema kien hemm xi sitta' jew sebgha maghha. Qalet li tnejn minnhom kienu telqu wkoll ghaliex ma gewx imhallsa. Mistoqsija tindika min kienu, tghid li wiehed minnhom kien Taljan u l-iehor jismu Saviour pero' kuljomu ma tafux. Ikkonfermat li kienu jtihallsu cash.

Mistoqsija jekk ghamlitx ir-rapport ghand id-dipartiment wara li l-appellant Azzopardi spicca l-isptar tghid li ma tafx ghaliex kien dejjem diehel u hiereg l-isptar. Qalet li qaltlu li kellha bzonn il-flus li kienu qatghulha id-dawl u ilma kellha t-tfal xi tmanti u ma setghetx.  Qalet li hija separata. Dakinhar qalet li ghalaq l-electric gate biex ma tkunx tista'

tohrog u beda jidghi tant li spicca sakarha l-ufficcju u beda jghati bil-ponn. Qalet li tawha parir tmur tirraporta' l-pulizija pero' ma riditx iddahhlu f'xi trouble u dakinhar qallha li ma kienx ser itiha sold iehor. Mistoqsija tispjega kif ghexet tnejn u ghoxrin xahar b'dawn il-'commitments' kollha bla ma tithallas tghid li bdiet tiehu minn gewwa u spiccat fixxa tant li lanqas flus biex tixtri hobza ma kellha.

Rat id-dokument esebit minn Joseph Saliba li jahdem Jobs Plus market bhala dok JS li jirrifletti l-employment history tal-kwerelanti u jirrizulta' li hija hadmet mas-socjetá Bottega del Marmista' Limited mill-4 ta' Ottubru sas-7 ta' Novembru 2012.

L-appellant **Joseph Azzopardi** xehed minn rajh fl-24 ta' Ottubru 2016 u kkonferma li l-kwerelanti kienet tahdem mieghu u kienet responsabbli sabiex iddahhal l-input fil-kompjuter, jigifieri dak kollu li ghandu x'jaqsam ma paperwork inkluz il-paga taghha u tal-impjegati. Jghid li l-pagi kien itihom lilha cash u din kienet tiddistribwihom lil kulhadd. Fl-ahhar tax-xahar kien itiha l-cash u ittihom il-cash flimkien mal-payslips u izzomm kopja tal-payslips. Kien ihallilha karta' miktuba dwar il-pagamenti li kellha taghmel. Qal li meta' huwa mar ifittex fil-kompjuter ma sab xejn l-ebda evidenza tal-hlas jew pay slips. Qal li meta' kien jistaqsiha jekk kienitx qed taghmel kollox kienet twiegbu li kollox kien f'idejaha. Jghid li kemm damet mieghu ghal sena u ghaxar xhur kien ihallasha regolarment.

Spjega li kien gara hu li kien hemm tlett impjegati li telqulu f'daqqa mhux ghax ma kienux jithalsu izda ghaliex kien offrilhom impieg Halman u dan ghaliex kien sabhom gja trained. Qal li kien ihallshom kollha regolarment tant hu hekk li rapporti ohra fil-konfront tieghu ma hemmx.

Qal li huwa kien spicca l-isptar ghall-tnax il-gimgha b'pulmunite u dak iz-zmien ma hallashiex. Spjegalha li meta' jigbor flusu kien ser ihallasha kemm lilha kif ukoll lil Sinclaire Cini. Qal li dan pero' biss ghal dawk it-tnax il-gimgha biss ghaliex l-kumplament kien gja hallsu.

Qal li l-kwerelnti mieghu kienet qisha regina tidhol tard ghax-xoghol, hadet erba' u erbghin jum sick bla ma pprezentat certifikat mediku, telqet minn fuq ix-xoghol tnejn u ghoxrin darba. Kien baghtha d-dar hu xi 72 darba ghaliex ma tkunx tiflah. Darba minnhom kien habat it-tifel taghha San Giljan u kienet ghamlet jumejn shah ma tidhol ghax-xoghol. Qal li kien jaghtiha elf euro fix-xahar bil-bonus b'kollox. Halef li kien hallasha salv ghall-perjodu ta' tnax-il gimgha meta kien l-isptar. Fir-rigward ta' Sinclaire Cini qal li halsu ghas-saldu wara li kien hareg mill-isptar. Jghid li l-kompjuter kien kraxxja meta kien f'idejha u hard copies tal-pay-slips li kellha tiffajlja ma sab imkien lanqas.

L-appellant Edward Vella xehed nhar l-1 ta' Frar 2017 u kkonferma li ma kienx involut fid-day to day running tas-socjetá Bottega del Marmista' Limtied jghid li fl-operational running taghha ma kienx involut. Jghid li kien imur fil-post ta' gestjoni darba kultant bhala vizita.

**Kunsiderazjoni legali**

Il-principju generali rigward it-tezi ta' "*burden of proof*" hi dik ta' min jallega irid jipprova. Fil-fatt fi kliem **Manzini** kif misjuba fil-ktieb tieghu Diritto Penale:

"*il cosi della onere detto prova cioé il carico di fornirla spetta' a chi accusa,*" (*onus probandi incumbit qui asserit*).

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kaz kollu, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga bhal per ezempju d-difiza tal-insanita.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata' hija prezunta' innocenti sakemm ppruvata' hatja, u dan ai termini tal-artikolu 40 subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et**[1] fejn intqal:

*"illi l-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza ? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioé tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata’ li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata’ li tillibera.

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova irid jigi sodisfatt l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal Lord Denning

*"that degree is well settled...it must carry a high degree of probability...if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Xi tfisser dubbju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero zgur li tfisser aktar mill-grad ta' probabilita. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero ma tridx tigi konfuza mal-

---

[1] Qorti ta’ l-Appell Kriminali -- 13 ta’ Mejju, 1936

livell ta' certezza morali u lanqas ma prova xjentifika. Lord J. Denning fis-sentenza Miller v Minister of Pensions (1935) qal:

"*that degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice* ."

Huwa veru illi imputat m'ghandux ghalfejn jipprova xejn u jista' jofri d-deposizzjoni jekk irid u minghajr ma jkun imgieghel. Imma darba jaghmel assersjoni bhal dik allura jkun hemm shift tal-"evidential burden" fejn ikun mehtieg prova ta' dak li nghad biex tigi sostanzjata. Jekk dan ma jsirx, allura dik tibqa' biss allegazzjoni in arja w ma tistax titqies mill-Qorti.

**Kunsiderazzjonijiet ohra:**

Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta' minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta' lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputata' u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta' ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg**[2]', fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**'[3],

"*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta' hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta' ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be*

[2] Deciza fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998

[3] Deciza fis-sitta' (6) ta' Mejju, 1961

*narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata' b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'**[4].

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti hija rinfaccjata' b'zewg versjonijiet ta' dak li gie rapportat mill-kwerelanti Erika Sammut Alessi nhar it-28 ta' Settembru 2012 gewwa d-dipartiment tax-xoghlijiet fejn irraportat li l-appellanti ma hallsuhiex il-paga u beneficcji l-ohra li hija intitolata' ghalihom ghal perjodu konsiderevoli ossia diversi xhur min April 2011 sa Setembru 2012, waqt li l-appellanti minnufih jirribattu tali allegazzjoni b'ittra li intbaghatet lid-dipartiment b'risposta' ghall-ittra li l-istess kien baghatlilhom nhar is-26 ta' Novembru 2012 (Dok JA 8).

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata' b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati gew mitluba a tempo vergine tal-investigazzjoni maghmula mid-dipartiment tax-xoghol, baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta' xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom hames snin wara ir-rapport.

Il-Qorti thoss li wara li l-istess ghamlet apprezzament tal-principju tad-dritt trid tara

---

[4] Deciza - 9 ta' Jannar, 1998

xi provi resqet il-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi taghha.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta' vs. Ivan Gatt**"[5] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta' minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta' w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta' dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta' li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta' ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

F'din il-kawza ma hemmx wisq provi x'jigu analizzati u dan ghaliex hemm biss ix-xhieda tal-kwerelanti, dik ta' Mario Gatt li rcieva ir-rapport taghha dik ta' Joseph Saliba li ppresenta' il-*work history* tal- kwerelanti u z-zewg appellanti.

L-kwerelanti ma hemmx dubbju xehdet b'mod imqanzah u xehdet mhux minn jedda izda kif giet instigata biex tixhed. Qalet li kienet l-clerk u mhux l-administrator ta' din is-socjetá kif rappresentata' mill-appellanti, minkejja li l-amministrazzjoni tas-socjetá jidher li kien f'idejha u dan ghall-perjodu ta' zmien kif

[5] deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

jirrizulta' mill-history sheet taghha mahruga minn Jobs Plus. Il-kwerelanti tghid li kienet responsabbli ghal input ta' data fil-kompjuter u kienet tiehu hsieb li jithalsu l-pagi tal-haddiema u dan wara li l-appellanti kienu jghatu l-flus lilha biex tqassamhom u hija kellha tohrog pay-slips mis-sistema tal-kompjuter a bazi tal-hlasijiet li taghmel. Qalet ukoll li fil-fatt kien hemm xi haddiema ohra li ma thallsux u kienu telqu minn fuq il-post tax-xoghol pero' mistoqsija min huma tghid li ma tafx x'jisimhom salv li wiehed jismu Saviour u l-iehor li allegatament kien barrani. Ghalhekk fl-ebda hin ma pprovat l-allegazjoni maghmula minnha. Tghid li hija ma kienitx il-financial controller tas-socjetá u mistoqsija jekk kienx hemm wiehed tghid li kien hemm u kien jidhol ghax-xoghol nhar ta' Sibt meta' ma kienitx tkun hemm. Mistoqsija min kien tghid li ma tafx. Mistoqsija jekk bhala clerk in charge tal-kompjuter kelhiex xi dokumenti x'tipresenta' tghid li ma kellhiex ghaliex il kompjuter kien kraxxja. Hard copies b'xi firem tal-appellant ta' pay slips li hargu ma gewx pprezentati. Tghid ukoll li l-appellanti gieli hallasha cash u tawha xi mija, mitejn mija u hamsin jew hamsin Euro pero' records ta dawn il-hlasijiet ma pprezentatx lanqas. Spjegat li hija mara spearata' u ghandha t-tfal u ghexet dak iz-zmien kollu tal-impjieg taghha mas-socjetá rapprezentata' mill-appellanti bla introjtu u tiekol biss minn gewwa. Qalet li gieli lanqas flus biex tixtri bicca hobz ma kien ikollha.

Min naha l-ohra l-appellant Joseph Azzopardi ighid li veru kien hemm xi zmien ta' xi sitt gimghat li ma hallashiex il-paga u possibilment xi beneficcji li baqghu dovuti ghall-dak iz-zmien pero' xejn iktar. Ikkonferma li huwa kien ihallasha cash u sahansitra anke kien jissaportiha hafna peress li ma kienitx xi impjgeata' ezemplari. L-appellanti ukoll naqsu li jressqu provi dwar il-pagamenti li saru fis-sens li ressqu xi haddiema ohra biex ighidu li thalsu ghas-saldu u forsi raw lill-appellanti ihallsu lill-kwerelanti. Naqsu li iressqu bhala x-xhud taghhom il-Financial controller sabiex jigi verifikat jekk il-kwerelanti qattx ghamlet rapport mieghu dwar nuqqas ta' paga. Naqsu li jipprezentaw il-profit and loss taghhom bl-ispejjez inkorsi minnhom bhala

socjetá fejn ikun hemm indikat il-pagi li thallsu.

Minn dawn il-fatti pero' il Qorti ma tistax tghid li l-prosekuzzjoni irnexxxilha tipprova l-akkuza taghha fl-intier taghha fis-sens li pprovat il-fatt li l-appellanti ma halsuhiex ghal xi perjodu taz-zmien kollu kif rekklamat mill-kwerelanti pero' kif del resto huwa ammess mill-appellanti stess kien hemm zmien ferm inqas ta' cirka sitt gimghat fejn ma thallsitx. Jidher ukoll li gie pprovat li l-appellanti ma hallsux il-bonuses dovuti lill-kwerelanti.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu thoss li ghandha tilqa' l-appell tal-appellanti fis-sens li tirriforma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat lill-imputati, ghan-nom tas-socjetá Bottega del Marmista' Limited, bhala hatja tal-akkuza li ma hallsux paga u bonus lill-kwerelanti pero' ghal zmien ferm inqas minn dak citat fil-komparixxi. Qed tvarja l-piena nflitta fuq l-appellanti billi minflok multa ta' tlett mitt Ewro (€300), qed tikkundannhom ghall-multa ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull wiehed u dan ghaliex fil-penali m'hemmx in solidum fir-rigward ta' multi. Din il-Qorti qeghda wkoll tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn obbligat lill-appelalnti sabiex fi zmien sentejn ratealment u bid-dekadenza ihallsu s-somma ta' €19.076.13 lill-kwerelanti.  Dan kollu qieghed jinghad bla pregudizzju ghad-drittijiet civili taghha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur